# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 317/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Rennie Stivala)

vs

**Concetta Charles**

bint Serafin, imwielda Hal-Safi, fil-21 ta' Diċembru, 1958, detentriċi tal-karta tal-identita' numru 811758(M)

Illum 10 ta' Ottubru, 2018.,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellata Concetta Charles quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fis-sena 2006, f'dawn il-Ġzejjer:

1. Approprjat ruħha, billi dawret bi profitt għaliha jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilha taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, u li kienet ġiet fdata lilha minħabba

professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni kariga jew servizz, jew minħabba depositu neċessarju għad-dannu ta' Carmelo u Catherine konjuġi Mifsud, b'valur li jeċċedi l-€2,329.37.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-1 ta' Lulju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Liġi, u cioe' l-Artikoli 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9, tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ddikjarat stante ir-rinunzja tal-parte ċivile l-proċediment ezawrit u astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuża.

Il-Qorti ordnat ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li kopja ta' din is-sentenza flimkien mal-atti kollha tal-proċess jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti fil-liġi.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu ppreżentat fil-15 ta' Lulju, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha **tannulla, tħassar u tirrevoka** s-sentenza appellata fl-intier tagħha u tipproċedi *ai termini* tal-artiklu 428 tal-Kodiċi Kriminali fl-aħjar interess tal-ġustizzja.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi fit-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) l-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-atti proċesswali tal-proċeduri fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat bihom b'mod ċar u manifest in kwantu li saret enunċjazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Dana qiegħed jingħad 'il għaliex l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha datata l-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) ma setgħetx tiddikjara li peress li l-parte civile, ċioe Carmelo u Catherine konjuġi Mifsud, irrinunzjaw għall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-appellata, allura l-proċediment hu eżawrit u allura tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuża dedotta kontra l-appellata. Dan għaliex tali akkuża kienet imsejsa mhux biss fuq artiklu 293 tal-Kodiċi Kriminali li jitkellem fuq l-approprjazzjoni bla jedd fejn il-kwerela tal-parti leża hi meħtieġa, iżda msejsa wkoll fuq artiklu 294 tal-Kodiċi Kriminali li jitkellem fuq iċ-ċirkostanzi aggravanti tal-approprjazzjoni bla jedd fejn l-azzjoni kriminali hija prosegwibbli *ex officio* u allura l-azzjoni kriminali qatt ma tista' tiġi

ddikjarata eżawrita indipendentement mill-fatt li l-parte ċivile jirrinunzjaw għall-azzjoni kriminali, hekk kif se jiġi spjegat fir-rikors t'appell;

Illi fl-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ħarġet id-digriet *prima facie* fejn wara li għalqet il-kompilazzjoni tal-provi kollha miġjuba quddiemha kontra l-appellata, iddeċidiet illi hemm raġunijiet biżżejjed biex l-appellata titqiegħed taħt att t'akkuża fir-rigward tal-imputazzjoni dedotta kontriha, ċioe dik ta' approprjazzjoni indebita aggravata. L-appellata irċievet Lm 8,000 li huma ekwivalenti għal €18,634.99 mingħand Carmel u Catherine konjuġi Mifsud hekk kif hemm stipulat fi klawżola numru tlieta (3) tal-iskrittura privata li ġiet esebita a fol. 18 *et seq.* tal-atti proċesswali datata għoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006). Dawn il-flus kellhom jintużaw għal skop speċifiku u ċioe sabiex l-appellata ġġib tifel u tifla, preferibbilment aħwa, ta' eta' mhux anqas minn ħames (5) snin sabiex jiġu adottati mill-konjuġi Mifsud hekk kif hemm stipulat fi klawżola numru wieħed (1) tal-imsemmija skrittura privata. Fl-iskrittura privata fi klawżola numru ħamsa (5) hemm stipulat li jekk għal xi raġuni jinqala' intopp mid-data tal-iffirmar tal-iskrittura privata sad-data ta' meta jaslu t-tfal f'Malta u li kawża ta' dan l-intopp il-koppja Mifsud ma tkunx tista' tadotta l-imsemmija tfal, allura l-appellata obbligat ruħha li tagħti lura s-somma ta' Lm 8,000 fi żmien sena minn minndu jinqala' l-intopp. *Di piu'*, permezz ta' klawzola numru sitta (6) tal-iskrittura privata l-appellata obbligat ruħha illi tirritorna s-somma diġa' imsemmija preċedentement fi żmien sena mid-data tal-iffirmar tal-iskrittura privata jekk minħabba xi raġuni mhux fil-kontroll tagħha hija ma tkunx tista' iġġib l-imsemmijin tfal għall-adozzjoni ġo Malta. Minkejja dak stipulat fi klawżoli ħamsa (5) u sitta (6) liema klawżoli l-appellata intrabtet li tosservahom hekk kif tixhed il-firma tagħha liema firma hija għarfet bħala tagħha hekk kif hemm imsemmi fl-istqarrija rilaxxata minnha nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) li ġiet esebita a fol. 8 *et seq.* tal-atti proċesswali, l-appellata ma osservatx l-obbligi naxxenti minn tali skrittura privata hekk li mhux talli ż-żewgt itfal ma waslux Malta u allura ma esegwietx l-inkarigu tagħha, iżda talli hija ma rritornatx is-somma ta' Lm 8,000 lill-konjuġi Mifsud. Ovvjament iċ-ċekk li nħareġ mill-konjuġi Mifsud issarraf minn Concetta Charles. F'dan ir-rigward fis-sentenza *Il-Pulizija vs Arnold Fenech* mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tlieta u għoxrin (23) t'April tas-sena elfejn u għaxra (2010) fejn l-Onorabbli Qorti għamlet referenza għall-ġurista Maino fejn jgħid:

*La conversione e' indubitamente perfetta, e consumato il reato, quando la l'apropriazione sia stata compiuta mediante vendita, consumazione o pegno della cosa altrui, o, in altri termini, mediante uso in debito o consumazione in proprio vantaggio.*

*Trattandosi di somme di denaro, l'accertamento della conversione puo presentare in pratica qualche difficolta'; la negata restituzione – anche indipendentemente di una legale costituzione in mora – e certamente una forma di consumazione; ma la consumazione puo risalire anche a prima della negata restituzione, ove si pongono in essere tali atti che dimostrano la intenzione di appropriarsi di cosa altrui – come l'impegno della somma di uso proprio o il suo nascondimento al scopo di sottrarla al propretario.*

Illi l-konjuġi Mifsud baqgħu lampa stampa. Dan minkejja li għaddew **seba' (7) snin** mid-data tal-iffirmar tal-iskrittura privata sas-sena elfejn u tlettax (2013), u ċioe s-sena meta l-konjuġi Mifsud għamlu kwerela sabiex dan il-każ jiġi investigat skont il-liġi minħabba l-inadempjenza tal-appellata Concetta Charles. (Enfasi u sottolinear tal-esponent). Dan l-istat ta' fatt ġie aċċettat mill-appellata hekk li fl-istqarrija rilaxxata minnha hija ammettiet li huwa minnu li hija rċeviet is-somma ta' Lm 8,000 fis-sena elfejn u sitta (2006) u li ż-żewġt itfal mill-Pakistan għadhom ma waslux sal-ġurnata tal-lum;

Illi hawnhekk tajjeb li wieħed josserva li l-appellata Concetta Charles kienet offriet lill-konjuġi Mifsud iġġibilhom żewġt itfal mill-Pakistan sabiex ikunu jistgħu jadottawhom proprju għaliex hija kienet tinvolvi ruħha u tipprattika fl-industrija, fil-kummerċ jew tipprovdi servizz li ġġib tfal mill-Pakistan sabiex jiġu adottati minn koppji Maltin, fosthom il-konjuġi Mifsud, u għalhekk tinkwadra ruħha fid-dettami ta' artiklu 294 tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-argument ikompli jissaħħaħ permezz tal-istqarrija li ġiet rilaxxata mill-appellata Concetta Charles hekk li meta ġiet mistoqsija kemm ġabet tfal mill-Pakistan sabiex jiġu adottati f'Malta qabel is-sena elfejn u sitta (2006), hija wieġbet li ġabet madwar tnejn u erbgħin (42) (fol. 10 tal-atti processwali). Din iċ-ċifra turi li l-appellata kienet b'mod kostanti u kontinwu tinvolvi ruħha u tipprattika fl-industrija, fil-kummerċ jew

tipprovdi servizz li ġġib tfal mill-Pakistan sabiex jiġu adottati minn koppji Maltin. Hi stqarret ukoll li mis-sena elfejn u sitta (2006) s'issa ma baqgħetx iġġib tfal mill-Pakistan hekk li l-persuna li kienet qiegħda tgħinna sabiex ikunu jistgħu jinġabu tfal Pakistani sabiex jiġu adottati f'Malta kien qiegħed jaħdem minn wara daharha u konsegwentement stqarret li, '**ma bqajtx naħdem għall-addozzjonijiet.'** (Sottolinear u l-enfasi tal-esponent). Hawnhekk wieħed jagħmel referenza wkoll għall-iskrittura privata li turi li Concetta Charles kienet b'mod kostanti u konsistenti tinvolvi ruħha u tipprattika fl-industrija, fil-kummerċ jew tipprovdi servizz li ġġib tfal mill-Pakistan sabiex jiġu adottati minn koppji Maltin hekk li kienet ifformulatha u kienet tużaha sabiex tobbliga ruħha biex iġġib it-tfal mill-Pakistan għall-addozzjoni ġewwa Malta. *Di piu'*, il-fatt li l-appellata kienet b'mod kostanti u konsistenti tinvolvi ruħha u tipprattika fl-industrija, fil-kummerċ jew tipprovdi servizz li ġġib tfal mill-Pakistan sabiex jiġu adottati minn koppji Maltin toħroġ saħansitra ukoll mill-fedina penali tagħha (a fol. 7 tal-atti processwali) fejn turi biċ-ċar li l-appellata ġiet darbtejn misjuba ħatja ta' approprjazzjoni indebita aggravata fejn flimkien mal-piena erogata ġiet ikkundannata wkoll tħallas lura lill-vittmi. Dan il-fatt huwa għal darb'oħra msaħħaħ permezz tal-istqarrija rilaxxata minnha fejn hija ammettiet li hi għandha każijiet oħra simili fejn koppji għamlu rapport mal-Pulizija dwar approprjazzjoni indebita aggravata bl-istess mod tal-każ *de quo*, u kif ukoll li għandha erba' familji oħra li qed tħallashom lura l-flus relatati ma' adozzjonijiet li huma dovuti lilhom (a fol. 10 tal-atti proċesswali). Dan kollu juri biċ-ċar li mhux biss l-appellata Concetta Charles għamlet approprjazzjoni indebita għad-dannu tal-konjuġi Mifsud iżda talli jeżistu ċ-ċirkostanzi aggravanti tal-approprjazzjoni indebita hekk kif prospettati mill-artiklu 294 tal-Kodiċi Kriminali;

Illi konsegwentement għal dak li għadu kif ingħad, meta jeżistu l-elementi/kriterji kollha tal-artiklu 294 tal-Kodiċi Kriminali, kuntrarjament għal dak li għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti, anke jekk il-parte civile rrinunzjat għall-azzjoni kriminali, il-Qorti qatt ma setgħet tiddikjara l-proċediment bħala wieħed eżawrit, stante li d-dettami ta' dan l-artiklu jgħidu li l-azzjoni kriminali hija prosegwibbli *ex officio* indipendentement mir-rinunzja *o meno* tal-azzjoni kriminali min-naħa tal-parte civile:

> **294.** Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, **l-**

**<u>azzjoni kriminali titmexxa *ex officio*</u>**, u l-piena tkun ta’ priġunerija minn seba’ xhur sa sentejn. (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Dan il-punt legali ġie aċċennwat fis-sentenza *Il-Pulizija vs Maria Bezzina* mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-dsatax (19) ta' April tas-sena elf disa' mija tmienja u ħamsin (1958) fejn ġie aċċennwat li:

> Għal dawn ir-raġunijiet, iż-żewg gravami tal-ewwel ma humiex fondati, għax si tratta ta' approprjazzjoni ndebita, u għax, peress li hi aggravata, għalhekk, fit-termini tal-art, 308 tal-Kap. 12, ma teħtieġx kwerela, billi f'każ simili r-reat hu persegwibbli “ex officio”;

Dan l-insenjament ġie wkoll ribadit fis-sentenza *Il-Pulizija vs. Francis Camilleri* mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed (2001) fejn ġie aċċennwat li :

> Huwa veru li r-reat ta' approprjazzjoni indebita (Art. 293) huwa normalment prosegwibbli biss fuq il-kwerela tal-parti, pero' fil-każ in diżamina qed jiġi ipotizzat ukoll l-aggravju kontemplat fl-Artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali li jirrendi dak ir-reat prosegwibbli *ex officio*.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Il- Qorti qabel ma teżamina l-aggravji mressqa mil-Avukat Generali qed tirreferi għas-sottomissjoni tad-Difiza li tidher fil-verbal a folio 5 dwar il-preskrizzjoni.

Illi l-appellata ġiet akkużata taħt l-Artikolu 294 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta li jgħid is-segwenti:

*Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabeldan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.*

Illi in oltre, fiċ-ċitazzjoni tallum hemm akkuża ta' darba biss u mhux tar-reat kontinwat. Isegwi għalhekk li l-artikolu 18 tal-Kap 9 mhuwiex applikabbli.

Illi l-piena ta' priġunerija għal din l-akkuża hija kif speiċifikat hawn fuq minn seba' xhur sa sentejn priġunerija.

Skont l-Artikolu 688 (d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta 'l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni - fl-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena.

Illi l-Artikolu 694 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jispeċfika li l-preskrizzjoni hija applikata *ex officio* u l-imputat jew akkużat ma jistax jirrinunzja għaliha.

Illi l-akkużi li ġiet akkużata bihom l-appellata allegatament seħħu fis-sena 2006.

Illi ċ-ċitazzjoni fil-konfronti tagħha ġiet reġistrata fir-reġistru tal-Qrati Kriminali fit-23 ta' Jannar, 2014 u l-ewwel seduta ġiet appuntata għat- 18 ta' Marzu, 2014.

Illi mis-sena 2006 sa meta ġiet reġistrata ċ-ċitazzjoni u cioe' fit-23 ta' Jannar, 2014 għaddew tmien (8) snin.

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti, b'applikazzjoni tal-Artikolu 694 qed tiddikjara li l-proċeduri huma preskritti.

Stante dak li għadu kif intqal m'hemmx bżonn li l-Qorti teżamina l-aggravji tal-Avukat Generali.

Għaldqastant, tichad l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.